Malta-EU Steering & Action Committee

Laqgħa tal-*Core Group*
Il-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu 2008
Introduzzjoni mill-Kap tal-MEUSAC, Dott. Vanni Xuereb

Onorevoli Segretarju Parlamentari, għeżież kollegi,

Wara li smajna d-diskors ta' introduzzjoni tal-President ta' dan il-Kumitat, diskors li nista' insejjaħlu "programmatiku", jeħtieġ li nitfgħu ħarsitna lejn il-ħidma li trid issir fil-ġimgħat li ġejjin. Kif taraw mill-aġenda, l-ewwel żewġ prijoritajet tagħna jridu jkunu dawk li niddeterminaw il-metodu ta' kif ser issir il-konsultazzjoni u li nibdew minnufih il-proċess biex jitwaqqfu d-disa' sotto-kumitati "speċjalizzati".

Matul il-ġimgħat li għaddew kelli l-opportunità li niltaqa' ma' rappreżentanti ta' ħafna mill-organizzazzjonijiet rappreżentati hawn illum. Nista' ngħid li lkoll entużjasti biex "inħallu fejn ħallejna" ħames snin ilu. Il-proċess tal-MEUSAC fiż-żmien tan-negozjati għas-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea hu kkunsidrat bħala esperiment li rnexxa. Kienet esperjenza pożittiva ta' konsultazzjoni fejn l-imsieħba fil-proċess ħassewhom tassew parti minn proġett li kien qed jinħema flimkien. Nemmen li hu essenzjali li dan l-ispirtu jerġa' jixprunana fil-ħidma tagħna. Irridu, l-ewwel u qabel kollox, nemmnu f'dan il-proċess – fil-valur tiegħu, fil-validità tiegħu u fl-effikaċjetà tiegħu. Illum, għall-ewwel darba għandna bilqegħda flimkien madwar mejda waħda, uffiċjali għolja tal-Gvern, rappreżentanti minn 4 partiti politiċi li jinkludu ż-żewġ partiti li jiffurmaw il-Parlament Malti, rappreżentanti tal-korpi kostitwiti, rappreżentanti minn Għawdex, esperti, u 'l quddiem ikollna magħna wkoll rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet li ser jiffurmaw id-disa' sotto-kumitati.

Tajjeb li nsemmi wkoll li minbarra l-proċess ta' konsultazzjoni, il-MEUSAC għandu wkoll żewġ funzjonijiet oħra: Informazzjoni u Għajnuna dwar Programmi u Fondi tal-UE. It-taqsima ta' l-Informazzjoni tal-MEUSAC, immexxija mill-kollega tiegħi Dott. Gabriella Pace, se tkompli fuq il-ħidma mwettqa fis-snin li għaddew miċ-Ċentru ta' Informazzjoni Malta-UE (MIC) u mill-Forum Malta fl-Ewropa. Il-*Funding Unit*, kif ġà tħabbar fil-pubbliku mill-Prim Ministru u mis-Segretarju Parlamentari, se ikun qed jagħti għajnuna intensiva lill-kunsilli lokali u lill-organizzazzjonijiet oħra li qed ifittxu opportunitajiet biex jipparteċipaw fi Programmi tal-UE u li jibbenefikaw minn fondi tal-Unjoni. F'dawn il-ġranet, bdejna bil-proċess biex il-MEUSAC ikollu l-kapaċità teknika u amministrattiva biex iwettaq sew dawn it-tlett funzjonijiet. Nittama li ma jdumux ma joħorġu s-sejħiet għall-applikazzjonijiet biex ikollna *staff* biex immexxu 'l quddiem din l-aġenda ambizzjuża. Fl-istess waqt, nirringrazzja minn qalbi lill-*istaff* preżenti tal-MEUSAC li, bir-riżorsi limitati li għandna bħalissa, baqa' għaddej bil-ħidma tiegħu u qed iħejji għall-bidliet u għall-isfidi li ġejjin.

Ma rridx intawwal, iżda inħoss li hawn għandi nagħmel appell: Hu ta' soddisfazzjoni li tara din ir-rappreżentanza madwar din il-mejda. Inħoss li hu sinjal pożittiv li fejn tidħol is-sħubija ta'

Malta-EU Steering & Action Committee

Malta fl-UE, qed niġbdu ħabel wieħed. Li tiġbed ħabel wieħed ma jfissirx li taqbel fuq kollox u ma kollox iżda jfisser li lkoll kemm aħna konvinti li għandna nagħtu l-aħjar sehem tagħna fl-interess tal-pajjiż. Ma nistgħux nitkellmu dwar Ewropa u fl-istess waqt nibqgħu mwaħħlin mal-interessi settorjali tagħna. L-UE turina li hemm dimensjoni iktar wiesgħa. Ejjew, flimkien, inħarsu lil hinn. L-UE hi ħolma li nbniet u li trid tkompli tinbena b'passi konkreti li nagħmlu ta' kuljum. Infakkar fil-famużi kliem ta' Robert Schuman li l-Ewropa "trid tinbena permezz ta' kisbiet konkreti li l-ewwelnett iridu joħolqu solidarjetà *de facto*."

L-għaqda tinbena fir-rispett tad-diversità. U waqt li qed niddibattu l-kwistjonijiet tagħna u nimbuttaw l-interessi settorjali rispettivi tagħna, ma rridux ninsew il-valuri u l-viżjoni li jiffurmaw il-pedament tal-proġett Ewropew. Nemmen b'qawwa li x-xettiċiżmu ta' ħafna nies lejn l-UE hu frott ta' atteġjament li jrendi lill-UE bħala sempliċement sensiela ta' liġijiet u direttivi flimkien ma burokrazija u xi kultant, sparpaljar ta' flus!

It-Trattat ta' Lisbona, li ġie ratifikat unanimament mill-Parlament Malti, jitkellem dwar:

il-"wirt kulturali, reliġjuż u umanista ta' l-Ewropa, li minnu żviluppaw il-valuri universali tad-drittijiet invjolabbli u inaljenabbli tal-bniedem, kif ukoll il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, u l-istat tad-dritt;" u li "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

Għeżież kollegi, fl-aħħar mill-aħħar jien nipproponilkom li dawn il-valuri komuni għall-Istati Membri tal-UE, ikunu l-valuri komuni li jispiraw il-ħidma tagħna flimkien fil-MEUSAC mil-lum.

Grazzi ħafna.